

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 862/2008

ta'l-1 ta' Settembru 2008

### **li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fl-iljmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostennibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [għall-Politika Komuni tas-Sajd] (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet [stokkijiet] ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbi fl-iljmijiet tal-Komunità, u għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid (³), jistabbilixxi l-kwoti għall-2008.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irregjistrati fiha huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni  
Fokion FOTIADIS  
Id-Direttur ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

(¹) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

(²) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

(³) ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

#### **Artikolu 1**

#### **Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

#### **Artikolu 2**

#### **Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irregjistrati fiha huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

#### **Artikolu 3**

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## ANNESS

Nru	32/T&Q
Stat Membru	IL-ĠERMANJA
Stokk	COD/1N2AB.
Speċi	Merluzz ( <i>Gadus morhua</i> )
Żona	L-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II
Data	24.7.2008